# QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 24 ta` Jannar 2017**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 1896/2016 JZM fl-ismijiet :**

**Compleet IS Services Limited (C-23032)**

***kontra***

**Roosendaal Trading Limited (C-4265)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrenti ("**Compleet**") ipprezentat rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("**il-Mandat**") fit-22 ta` Dicembru 2016.

Mar-rikors, kienu prezentati dokumenti.

Fit-22 ta` Dicembru 2016, il-Qorti tat digriet fejn, wara li laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ordnat in-notifika tal-atti lill-

intimata, tatha ghaxart (10) ijiem zmien biex twiegeb bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghat-3 ta` Jannar 2017 fl-10.00 a.m.

L-intimata kienet notifikata fid-29 ta` Dicembru 2016 u pprezentat risposta fit-2 ta` Jannar 2017.

Mar-risposta kienu prezentati dokumenti.

Fl-udjenza tat-3 ta` Jannar 2017 xehdu Emanuel Vella, Sandra Borg, Perit Analisa Zammit u Marvin Sammut. Wara li saru sottomissjonijiet, ir-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. It-talba

Ghar-ragunijiet li kienu specifikati fir-rikors, ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat sabiex izzomm lill-intimata milli :-

***1. Tinvadi ulterjorment u/jew taghmel kwalunkwe xogholijiet ohra fil-propjeta` tas-socjeta` esponenti liema propjeta` hija ahjar deskritta fil-kuntratt Dok MS1 u ndikata fil-pjanta Dok MS2.***

***2. Tkompli tibni l-hajt li qieghed jinbena u li jidher fir-ritratt Dok MS4 anness ...***

***3. Tkompli thaffer u/jew taghmel xogholijiet ta` skavar ulterjuri b`mod illegali bi ksur tad-distanza legali ai termini tal-Artikolu 439 et seq tal-Kap 16.***

## III. Il-posizzjoni tal-intimati

L-intimata cahdet illi r-rikorrenti ghandha jedd li titlob il-hrug tal-Mandat ghar-ragunijiet li kienu specifikati fir-risposta.

## IV. Il-kwistjoni

**Sintetikament** il-kwistjoni hija din :

Ir-rikorrenti tghid illi meta bniet l-intimata hija skonfinat bil-bini taghha fl-art tar-rikorrenti.

L-intimata tikkontendi illi fejn qeghda tibni hija art taghha.

## V. **Dritt**

Id-disposizzjoni li tirregola procediment tax-xorta tal-lum hija l-**Art 873 tal-Kap 12**. L-artikolu huwa kompost minn erba` subincizi. Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tnejn. Ighidu hekk :-

*(1) L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Minn analizi tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, wiehed isib illi l-Qorti hija prekluza ("***m`ghandhiex***") milli tordna l-hrug tal-Mandat, sakemm ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti ;
ii) Illi jidher sal-livell ta` *prima facie* li r-rikorrenti ghandha dawk il-jeddijiet ;
iii) Illi bil-fatt illi ma jkunx ordnat il-hrug tal-Mandat, il-pregudizzju li garrab ir-rikorrenti jkun irrimedjabbli.

## VI. **Gurisprudenza**

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal principji li hargu mill-gurisprudenza tal-qrati taghna dwar kif ghandhom jitqiesu r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat :-

1) Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru `prima facie`, ma` l-ewwel daqqa t`ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

2) L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi **mhux** alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti **hija obbligata** tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat.

3) Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja ("**Xuereb noe vs Hili noe**" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994).

4) Il-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti, fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Il-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

## VII. Dokumenti

### a) Dawk esebiti mir-rikorrenti

#### i) Dok MS1

Dan huwa l-kuntratt tal-akkwist tal-art mir-rikorrenti li sar fis-6 ta` Dicembru 2007.

L-art hija deskritta hekk :-

*a divided portion of land coloured red and green and marked as plot number seven (7) on the plan and site plan attached hereto and marked as documents letter B and C, which plot forms part of the lands known as "Ta` Dun Benin" havings its facade on an unnamed services road off Mriehel Bypass in the area known as "Imriehel" in the limits of Qormi. The said plot (i) has a building area of approximately two hundred and fourteen square metres (214 sq. m.) …*

**ii)** **<u>Dok MS2 u MS3</u>**

Dawn huma site plans tal-art tar-rikorrenti rilaxxjata mir-Registru tal-Artijiet.

**iii)** **<u>Dok MS4A u 4B</u>**

Dawn huma ritratti tas-sit tal-intimata.

**b)** **<u>Fost dawk esebiti mill-intimata</u>**

Il-Qorti tissenjala :-

**i)** **<u>Dok RT1</u>**

Dan huwa l-kuntratt tal-akkwist tal-art mill-intimata li sar fis-27 ta` Mejju 2016.

L-art hija deskritta hekk :-

*The two (2) adjacent and continguous divided portions of land forming part of the lands known as "Ta` Dun Benin" which are situated within the small scale industrial development scheme in Imriehel within the limits of Qormi and of Birkirkara, and which are accessible from a service road, which is parallel to and accessible from the Mriehel By Pass.*

*The said two portions opf lands are as plots numbered eight (8) and nine(9) and are shown in the plan/site plan attached to a deed ….*

*Both plots altogether are being sold as having a façade on the aforementioned service road o approximately twelve point zero four linear metres (12.04 m) in width …*

(ara wkoll fol 40).

**ii) Dok RT8**

Id-dokument ighid hekk :-

*I hereby declare that the width of the property in question is 12.04 m from centre line to centre line.*

*In addition to the propertyu width, an extra 35 cm was excavated towards the adjacent unbuilt third party plot to accommodate an additional 23 cm HCB wall.*

**VIII. Risultanzi**

**Il-Qorti sejra tittratta l-ewwel il-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti ghandhiex jedd *prima facie* li titlob il-hrug tal-Mandat.**

**Sejra taghmel dan ghaliex jekk jirrizulta li ma hemmx dan il-jedd *prima facie* ikun ghal kollox inutili li tistharreg jekk jissussistux ir-rekwiziti l-ohra ghall-hrug tal-Mandat ladarba r-rekwiziti huma kumulattivi mhux alternattivi.**

Dan premess, il-Qorti tghid illi anke fi procediment bhal dak tax-xorta tal-lum l-ahjar prova tad-dritt *prima facie* tibqa` dik kostitwita minn dokument.

Mhuwiex kontestat illi l-art adjacenti ghaz-zewg plots akkwistati mill-intimata huma propjeta` tar-rikorrenti.

**Fl-istess waqt ghalkemm mid-dokumenti li pprezentat ir-rikorrenti tirrizulta l-area tal-art taghha, imkien ma tirrizulta l-wisgha tal-faccata tal-art tar-rikorrenti, li hija propju fejn tinsab il-kwistjoni mal-intimata.**

U x-xiehda ta` Marvin Sammut ma titfa` l-ebda dawl fuq it-tema centrali tal-

kwistjoni ghall-fini tal-procediment tal-lum.

**Ghal din il-Qorti, tibqa` stramba ghall-ahhar l-imgieba tar-rikorrenti illi tintenta tressaq talba ghall-hrug tal-Mandat meta x-xogholijiet ta` skavar kienu diga` lesti, filwaqt li x-xoghol tal-bini da parti tal-intimata kien diga` gabad gmielu r-ritmu tieghu – kif del resto jixhdu bl-aktar mod <u>manifest</u> ir-ritratti esebiti.**

**Fi kliem aktar semplici, meta persuna jidhirlha li ghandha tagixxi ghax jidhrilha li ghandha jedd, ghandha taghmel dan <u>fil-pront</u> mhux thalli l-iskavar jitlesta kollu – sahansitra fl-art kontestata – segwit mill-bini sal-livell li jidher fir-ritratti.**

**Ghal din il-Qorti, l-ispjegazzjoni ta` Marvin Sammut mhijiex bizzejjed.**

Jibqa` l-fatt illi l-provi li gabet l-intimata xxejjen il-provi tar-rikorrenti.

Id-dokumenti – konfortati mix-xiehda li gabet l-intimata – huma bizzejjed sabiex juru li fejn qeghda tizviluppa l-intimata huwa fl-art li akkwistat.

Ghalhekk – almenu sal-livell ta` *prima facie* – ma jirrizultax illi l-intimata ghamlet dak li r-rikorrenti tallega li sar u li qeghda ssostni bit-talbiet taghha.

**Il-Qorti tirribadixxi li dak li jrid jigi ppruvat fil-petitorju sal-grad rikjest mil-ligi ghandu jsir fil-kors tal-kawza <u>fil-mertu</u>.**

Dak li tressaq bhala prova mir-rikorrenti ghall-fini tal-procediment tal-lum mhux bizzejjed sabiex jilhaq il-livell tal-prova tal-jedd *prima facie.*

**Ladarba fil-fehma taghha ma jirrizultax il-jedd *prima facie,* huwa ghal kollox inutili ghal din il-Qorti li tistharreg is-sussistenza tar-rekwiziti l-ohra.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt illi qeghda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet li tat fil-22 ta` Dicembru 2016 safejn laqghet provvizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, qeghda tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors taghha tat-22 ta` Dicembru 2016.**

**Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallas l-ispejjez ta` dan il-procediment.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**